

# NIX MANGIARE

## ...it-tallaba sa nofs is-seklu għoxrin



Kitba ta' Guido Lanfranco

Jekk mill-Belt tinżel għal ħdejn il-knisja ta' Liesse lejn Xatt il-Barrieri ħdejn il-Port il-Kbir, fuq ix-xellug tiegħek tilmaħ trejqa qasira u dejqa kollha taraġ. Din l-indana taraġ jisimgħa "Nix mangiari". Din hija espressjoni (ukoll tingħad 'nix mangiare') li kienu kontinwament jgħidu t-tallaba li kienu jinġabru f'dawk l-inħawi, l-aktar matul is-seklu dsatax u l-ewwel snin ta' l-għoxrin li tant jissemmew fil-kitbiet tal-barranin viżitaturi, baħrin, jew nies tas-servizzi li kienu jinżlu mill-bastimenti. Ukoll Hans Christian Andersen, Daniż magħruf, kittieb tal-ħrejjef li żar Malta fl-1841 isemmi dan. Il-kelma "nix" la hi bl-Ingliż u lanqas bil-Malti; oriġinarjament kelma Griega *nichts* li tfisser "xejn", u l-Ingliżi ġieli kienu jużawha biex tfisser ukoll xejn u l-Maltin jippronunzjawha *niks*. Din il-kelma kienet għadha tingħad ukoll fid-diskors normali ta' bosta Maltin, għax lili stess kemm-il darba qaluhieli, inkluża ommi, meta nkun tlabtha xi ħaġa u kienet tweġibni: "Ntik niks!" L-oħra, "mangiare", mit-Taljan, tgħawwġet bil-Malti għal *manġari*. Meta kienu jinżlu l-barranin u jgħaddu minn dak it-taraġ biex jitilgħu lejn iċ-ċentru tal-Belt, it-tallaba, li ma kinux jafu lingwi ħlief taħlit ta' kliem, kienu jgħidu *niks manġari* biex bħallikieku jikkomunikaw li m'għandhomx x'jieklu u forsi jiddubbaw xi ħaġa. Uħud kienu jittalbu bi drawwa, imma l-kotra kienu jkunu tabilħaqq mill-aktar foqra u kostretti jitolbu l-karità. Xi tfal u żgħażagħ kienu jittieħdu fuq id-dgħajjes fil-port meta jidħol bastiment bil-passiġġieri, biex jixħtulhom xi munita fil-baħar u t-tfal jaqbżu u jgħoddsu għaliha qabel tilħaq il-qiegħ!

### Tallaba u faqar ma' kullimkien

It-tallaba u l-foqra kienu parti ntegrali mill-ambjent Malti bħalma kienu wkoll f'artijiet oħra Ewropej. Ma kienx hawn edukazzjoni allura dawk li ma kellhomx xogħol tal-familja ma tantx kienu jsibu mpiegi, u jekk isibu jitħallsu bin-naqriet li bihom bilkemm kienu jistgħu jitrejqu. Kien hawn familji kbar b'ħafna tfal jiġġerrew ma' kullimkien jgħixu f'nuqqas ta' ndafa għalhekk kien hawn ħafna mwiet, mard, ġuħ, tbatija u faqar ġenerali. Madankollu kulma kien isir minn bosta individwi u gruppi kien jinkludi konsiderazzjoni għall-karità. Meta fl-1827 kienu daħlu fil-port bastimenti Ingliżi, Franċiżi u Russi wara l-battalja ta' Navarino kontra t-Torok biex jiċċelebraw għamlu ġabra bejniethom għall-istituzzjonijiet tal-karità, kif kemm-il darba kienu jagħmlu l-baħrin jew passiġġieri ta' bastimenti oħra. Diversi entitajiet tal-*Carità publica* kienu jorganizzaw attivitajiet biex isiru ikliet lill-fqar, bħalma sar ukoll meta fl-1903 kien żar Malta r-Re Dwardu VII. Fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann ma kienx hawn pensjonijiet kif nafuhom issa, imma kienu jittieħdu miżuri biex tingħata għajnuna mill-iċken fejn ikun hemm veru bżonn.

Jissemma li l-Birgu, post mill-aktar popolat, fis-seklu sittax kien hemm qtajja' ta' tallaba ma' kullimkien; wieħed minnhom jgħidu li kellu 120 sena! It-tallaba kienu jiffittaw lin-nies u l-aktar lill-barranin u lill-kavallieri fit-toroq. Wieħed kavallier weħel tliet xhur ħabs u nqatgħulu xi ħlasijiet dovuti lilu għax iddejjaq, tellgħuhomlu u sawwat lil wieħed tallab. Meta Malta ttieħdet taħt idejn l-Ingliżi l-faqar u t-tallaba bdew jispikkaw aktar għax kien hawn għaks ġenerali. Fl-1824 il-gvernatur Hastings beda jinkwieta biż-żieda ta' tallaba għax kien jidher li bosta minnhom kienu jittalbu aktar bħala drawwa komda mingħajr ma jippruvaw jaħdmu. Insista li t-tallaba għandhom jattendu fil-konservatorju tal-Furjana jew *casa d'industria* fejn jistgħu jiġu mgħallma jew mgħotija xi xogħol waqt li jingħataw ftit ikel. Ipprojbixxa li t-tallaba jingħataw karità kif ġie ġie għax inkella aktar jitgħażżnu u jittalbu. Fl-1825 ħarġet proklama kontra dawk li jittalbu u kontra l-għażż u l-vagabondaġġ.

Fl-istess żmien il-ħaddiema komuni ta' bla sengħa bilkemm kienu jitħallsu 4 soldi għal jum twil ta' xogħol u kien ikollhom jittalbu biex iżommu l-familja tagħhom. Is-serq żdied għax uħud kien ikollhom jisirqu biex ikampaw, ġeneralment prodotti tal-bdiewa u r-raħħala. Meta xi ħadd minn dawn jixhed kontra dawn il-ħallelin, sikwit kienu jsirulu vendikazzjonijiet ta' ħruq u ħsarat oħra fost il-prodotti u l-bhejjem, b'hekk kienu jkomplu r-reati. Dwar il-fqar Kummissjoni apposta matul l-1836-38 irrappurtat fl-1839 fil-villaġġi kien hemm ma' l-2,500 tallab u wkoll każi ta' mwiet bil-ġuħ. F'Għawdex kien hemm 2,370 tallaba u kullimkien it-tfal kienu jittalbu bħala drawwa. Il-Kummissjoni ta' l-1867 irrappurtat kif il-foqra u t-tallaba kienu jgħixu billi jieklu l-ħarrub. Kummissjoni oħra ta' l-1912 kompliet ittanbar fuq il-faqar sfrenat. Rapport fis-sena 1898 jirreferi għat-tallaba jimlew it-toroq, inklużi ħafna adulti u tfal, minn filgħodu sa filgħaxija, jittalbu wara l-bibien tad-djar u fil-ħwienet, ħafjin, imqattgħin, immankati, jorqdu barra, nisa bit-

trabi f'idhom, oħrajn igaħgħu xi xogħol fosthom jibblakkaw iż-żraben. Iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni f'dan is-seklu bħal dawk ta' l-1842, 1851, 1861 u oħrajn warajhom fost ix-xogħlijiet u l-professjonijiet tal-poplu Malti, kienu jirreġistraw bosta tallaba bħala *mendicants by profession* għax dawn kien ikollhom xi karta mill-kappillan jew awtorità oħra li turi li kienu foqra u li ma jistgħux jagħmlu xogħol ieħor, għalhekk kienu jistgħu jittalbu. Fl-1871 kien hemm enumerati 603 persuni u f'dak ta' l-1881 tnizzlu 725 oħra deskritti b'dan it-titolu ta' 'tallaba professjonali' Fl-1897, Ingliż residenti l-Belt kiteb f'liema miżerja u sura fqira kienu jidħlu l-Belt tallaba minn kullimkien, libsin imqattgħin, maħmuġin, morda, bil-ġuħ, biex jittalbu loqma ħobż. Fl-aħħar żminijiet tas-seklu dsatax il-gvern għamel sistema ta' *beneficenza publica* li biha kienet titqassam karità jew elemożna taħt ir-risponsabbiltà ta' l-ispettur tal-pulizija, imma ma ħadmetx tajjeb għax kien hemm min ikun fil-bżonn u jieħu miżerja u ħaddieħor mhux dashekk fqir jieħu aktar.

## Tallaba u ngombru

It-tallaba u l-foqra kont issibhom jiffullaw kullimkien. Uħud minnhom ma kellhomx fejn joqogħdu, imma jekk kien ikun hemm xi dar vojta jew post ieħor abbandunat kienu jidħlu fih. Oħrajn kienu jiġu tollerati jorqdu f'xi postijiet matul il-lejl. Fil-knisja ta' San Ġwann tal-Belt qabel is-siġġijiet kien hemm bankijiet twal. Imma fl-1840 neħħewhom għax diversi tallaba kienu ħaduha drawwa jidħlu jimteddu fuqhom wara nofsinhar daqqa għax tkun ix-xemx, oħra għax ikun maltemp. Mhux biss, imma warajhom kienu jħallu l-ħmieġ tagħhom. It-Teatru Manoel kien inbena fl-1731 mill-Gran Mastru Vilhena, imma meta nbena t-Teatru Rjal beda jisfa' abbandunat. Xi ħadd kien jimmaniġġah biex fih isibu kenn tallaba u foqra li ma kellhomx fejn jgħaddu l-lejl. Imma meta t-Teatru Rjal inħaraq fl-1873, il-Manoel beda jintuża mill-ġdid u l-foqra kellhom isibu banda oħra.

Għedna kemm il-Birgu kien iffullat bil-foqra u bit-tallaba. Meta n-*navy* riedu aktar spazju fil-Birgu ħadu l-ħabs l-antik ta' l-iskjavi u xi djar li jmissu magħhom. Fl-1843 keċċew bil-forza mijiet ta' nies li kienu jgħixu hemm, fosthom ħafna tallaba u *squatters*, nies li okkupaw il-bini bla ma stedinhom ħadd. Wara ħafna protesti u nkwiet il-gvern kolonjali kien sabilhom postijiet oħra fejn jistgħu idabbru rashom.

## Għall-erwieħ!

It-tallaba kienu jinġabru fejn ikun hemm il-barranin u kienu jilqgħu lil min jiżbarka bi kliem bħal *niks manġare*. Għalkemm nistgħu ngħidu li t-tallaba spiċċaw mit-toroq fis-snin ħamsin, aħna għadna niftakru li sal-bidu tas-snin sittin u sebgħin tas-seklu għoxrin, kien għad fadal xi waħdiet tgħoddhom fuq is-swaba t'id waħda jittalbu fit-toroq. F'Tas-Sliema fis-snin sebgħin kienet għadha tiġi mara tittallab billi tgħidlek: "Karità! . . . Għar-ruħ min għandek mejjet!". Jekk ittiha xi sold jew tnejn kienet twieġeb: "Għall-erwieħ! . . . Għar-ruħ min għandek mejjet!" u kliem bħal dan, u sakemm tinstema' tgħid xi *requiem* imkissra la Maltija. Qabel it-tieni gwerra dinjija konna naraw diversi tallaba u fosthom kien hemm li jiġu jħabbtu wara l-bieb. Tista' tgħid li kollha kienu jużaw kliem li jinvolvi l-erwieħ. Dan għax il-Maltin iqisu l-opri ta' karità mal-proxxmu bħala suffraġi għall-erwieħ. Mhux biss, imma wkoll jekk aħna nħossu xi sodisfazzjon f'xi ħaġa kemm-il darba ngħidu: "Għall-erwieħ!" biex bħallikieku noffruh ukoll suffraġi. Din id-devozzjoni lejn l-erwieħ ilha ngranata fid-drawwiet tagħna għax nistennew li meta jmiss lilna huma jidħlu għalina. Fiż-żmien tar-Randan, l-aktar f'jum id-Duluri u l-Ġimgħa Mqaddsa, isiru aktar opri tajba u sagrifiċċi bħala tħejjija u t-tallaba aktar jintensifikaw jittalbu wara l-bibien u fit-toroq għax isibu aktar min jagħtihom. Fil-festa tad-Duluri ta' l-Imqabba, bħala eżempju fl-1890, kien inxtara l-ħobż biex jitqassam mill-knisja ż-żgħira lill-fqar tal-Qrendi, Mqabba u Żurrieq. Għal dan il-ħobż kienu jmorru bil-biljett f'idhom, aħdar jew abjad skond jekk kellhomx dritt għal ratal jew nofsartal ħobż. L-Għid ta' l-Imwiet f'Novembru ukoll jitqies jum il-karità u t-tallaba kienu jagħmlu aktar kuraġġ jittalbu. Anzi ta' min ifakkar li għal dan il-jum, f'diversi postijiet, bħal Sant-Iermu u ħdejn il-Kapuċċini tal-Furjana minn lejliet kienu jippreparaw borma soppa li kienu jiġu għaliha tallaba u foqra minn kullimkien. Kien hemm postijiet oħra li jagħmlu l-istess imma tal-kapuċċini kienet issir tista' tgħid matul is-sena kollha. Tabib kurunell Michael Dundon, li miet fl-1936, li kien



joqgħod Bormla sikwit kien iħambaq fuq kemm kien hemm fqar u tallaba u fix-xitwa kien iħallas minn butu biex issir borma minestra għat-tfal ta' l-iskola t'hemm.

## Aktar għajnuna u można lill-faqar

Il-poplu Malti u Għawdxi, kif ukoll il-gvernijiet tul iż-żmien kollha kienu dejjem jikkunsidra għajnuna lit-tallaba u foqra oħra skond il-bżonn. Din l-għajnuna ma tantx kienet kbira, imma kienet tieħu diversi forom biex xi ftit tgħin lil dawk l-isfortunati biex jgħixu minn jum għall-ieħor. Kien hemm bdiewa li meta jaħsdu kienu jħallu ammont ta' qamħ warajhom jew fuq l-andar wara li jidirsu. Kien magħruf li l-fqar kienu jidħlu fl-għalqa jew fuq il-qiegħa biex jiġbru dak li jkun ħalla l-gabillott. Kienu jħallu ħafna apposta, ġeneralment wara li jidirsu. Kien ikun hemm ħafna legati minn xi sinjuri biex bir-renti jipprovdu ikel, u organizzazzjonijiet governattivi u privati kienu jagħtu xi ħaġa ċkejkna tal-flus li l-foqra li kienu jsejħulha "można" mill-kelma Taljana *elemonsina*. Xi qassisin jew kappillani kienu jkunu nkarigati minn diversi fondi biex jagħtu l-można lil min ikun ċertifikat fqir mill-kappillan jew minn awtorità oħra. Madwar l-1656 il-gvern ta' l-Ordni beda jinkwieta minħabba mijiet ta' tallaba fit-toroq, għalhekk twaqqfet il-*Congregazione dei poveri mendikanti* li beda jieħu ħsiebha Nicholas Cotoner li wara kien laħaq Gran Mastru. Ġiet imposta taxxa fuq it-tabakk biex bil-flus jgħinu lil din l-istituzzjoni. It-tallaba kellhom japplikaw għal liċenzja biex jistgħu jittalbu jekk ma jkunux jistgħu jaħdmu minħabba mard jew età, u saru sforzi oħra biex it-tallaba jinġabru f'ċentri u ma jibqgħux jidhru daqshekk fit-toroq. Kienet twaqqfet *La casa di carità* jew l-Ospizju tal-Furjana għall-għajnuna lill-fqar. Fl-istess żminijiet l-Ordni kienet tqassam ħobż u ikel lill-foqra u xi kenn jew akkomodazzjoni lix-xjuħ fil-bżonn.

Fis-seklu sbatax u tmintax kien hemm l-hekk imsejjaħ tribunal *Reverenda fabrica di San Pietro dell' Urbe* li kellha l-funzjoni li tgħin primarjament lir-reliġjużi individwali jew f'istituzzjonijiet foqra fil-bżonn. Fir-reġistri, li kellu dritt jeżaminahom l-inkwiżitur, jidher li taw għajnuna finanzjarja lil xi żewġ isqfijiet fil-bżonn barra xtutna, lil qassisin fil-bżonn, lill-monasteru ta' Santa Scholastica tal-Birgu għax ma kellhomx biex jgħixu u kullimkien se jaqa', lir-Repentiti tal-Belt, lil ta' Santa Katarina, lill-Kapuċċini tal-Furjana u lid-Dumnikani tal-Birgu. Taw ukoll xi flus lil għadd ta' kappillani biex jagħtu l-elemożina lill-foqra parruċċani tagħhom. Fis-seklu tmintax, l-Ordni ta' San Ġwann kellha mpjegati jaħdmu fl-isptar u lil uħud minnhom, wara talba li għamlu għax ma jifilħux jaħdmu aktar u sfaw foqra, tawhom għajnuna f'għotja ta' ftit grani ta' flus u xi ħobża jew tnejn kuljum. Xi oħrajn kienu jingħataw kenn, sodda jew ikel skond il-bżonn.

Fis-seklu tmintax l-inkwiżitur Sagnani kien jieħu ħsieb il-*Conservatorio Sagnani* ta' L-Isla għax-xebbiet foqra, u kien jagħti xi karità lit-tallaba li regolarment kienu jmorru jħabbtulu l-bieb tal-palazz fil-Birgu. Jingħad li dan kien aktar jagħmlu għal għajn in-nies li ġeneralment ma tantx kellhom grazzja ma' l-inkwiżizzjoni. Fl-1799 żmien l-imblokk il-Franċiżi kienu jibagħtu ħafna Maltin barra mill-Belt lejn il-kampanja biex ma jkollhomx jaqsmu ikel magħhom. Dawn il-Maltin bħal kulħadd dak iż-żmien waqgħu f'għaks kbir u l-kapitlu tal-kattidral ta' l-Imdina ħareġ fondi biex għal erba' xhur jgħinhom kif jista'.

Fl-1925 il-gvernatur u martu ffurmaw il-*Congreve Fund for Necessitous Children* biex itaffu xi ftit mit-tbatijiet tal-qagħad ta' wara l-ewwel gwerra dinjija, u baqgħet taħdem sa ma bdiet it-tieni gwerra. Sal-1927 ġa kellhom miftuħa kċejjen f'Bormla, il-Belt u Ħal Qormi. Fi żmien kellhom ukoll kċejjen fil-Ħamrun, l-Imsida u f'Ħaż-Żebbuġ.

Il-fratellanzi tradizzjonali, bħal tas-Sagrament, tar-Rużarju, ta' San Ġużepp u bosta oħrajn, għalkemm kellhom skopijiet devozzjonali u wkoll il-kontroll ta' ċerti snajja. Fl-istatuti tagħhom kollha kellhom klawsoli li bihom jassiguraw għajnuna materjali u spiritwali lill-foqra fost il-membri tagħhom, bħalma kienu jagħmlu istituzzjonijiet oħra ekkleżjastiċi jew lajċi. Bħala eżempju nsemmu li l-fratellanza tal-Kunċizzjoni tal-Konventwali tal-Belt, bejn l-1910-1915 fil-festa qassmu tnax-il qantar ħobż. Il-fratellanzi Tal-Karità tal-Belt, taż-Żejtun, tal-Birgu u oħrajn kienu kollha organizzati primarjament biex jagħmlu karità mal-proxxmu fqir. Dan mingħajr ma nsemmu l-mejda (li aħna nsejħu ta' l-appostli) li kienet bdiet issir mill-Ordni ta' San Ġwann wara l-funzjoni ta' Ħamis ix-Xirka u li kienet tagħmel ukoll il-fratellanza tal-Karità tal-Belt. Fis-seklu dsatax mhux biss żdiedu l-fratellanzi, imma wkoll bdew jiffurmaw u jevolvu l-każini u l-baned. Uħud minn dawn ukoll fl-istatuti tagħhom kellhom provedimenti għal *mutuo soccorso* jew għajnuna lill-membri u l-familjari tagħhom jekk ikunu fil-bżonn. Għalkemm Tas-Sliema, fl-aħħar snin tas-seklu dsatax, kienet għadha tiżviluppa, ġa kien hemm każini tal-banda, bħal *Circolo Ceschi* u *I Cavalieri di Malta*. Dan kien l-ewwel każin tal-banda f'Malta li kellu skema biex biha jgħin lill-imseħbin fil-bżonn u minbarra hekk, fl-istess post u żmien, kien hemm diversi tobba li f'ċerti ġranet kienu jinviżtaw pazjenti foqra bla ħlas. Minbarra hekk, fl-istess post kien hemm is-Soċjetà ta' San Vinċenz di Paola li kienet tiġbor ikel biex issir kċina mnejn jitqassam xi ikel lill-fqar u kien hemm sinjuri li li kultant kienu jorganizzaw ikla għall-foqra.

Fil-*Monte di pietà* li kellu l-oriġini tiegħu minn żmien l-Ordni nies fil-bżonn kienu jmorru jirhanu oġġetti biex jieħdu xi ħaġa tal-flus, imma bejn iż-żewġ gwerer tant kien inqala' nuqqas ta' xogħol u għaks li saħansitra kienu jirhanu lbies u oġġetti li ma tantx jistgħu jdaħħlu tagħhom.